MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2004

Citazzjoni Numru. 21/1999/1

**Korporazzjoni Enemalta**

***Versus***

***Elbros Construction Limited***

F'din il-kawża l-korporazzjoni attriċi qiegħda titlob il-ħlas ta' danni talli s-soċjetà konvenuta għamlitilha ħsara f'*cable*.

Iċ-ċitazzjoni tgħid illi fis-26 t'Awissu 1996, waqt illi impjegati jew rappreżentanti tas-soċjetà konvenuta kienu qegħdin iħaffru trinek fi Triq Notabile, l-Imrieħel, laqtu *33 KV cable*, proprjetà ta' l-attriċi, u għamlula ħsarat, li għalihom taħti s-soċjetà konvenuta minħabba negliġenza u nuqqas ta' ħila.

Billi għalxejn sejħet lis-soċjetà konvenuta kemm-il darba biex tħallas id-danni, il-korporazzjoni attriċi fetħet din il-kawża u qiegħda titlob illi l-qorti:

1. tgħid illi s-soċjetà konvenuta taħti għall-ħsara fil-*cable*;
2. tillikwida d-danni; u

3. tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas id-danni hekk likwidati, flimkien ma’ l-imgħax minn dakinhar meta saret il-ħsara sa meta jsir il-ħlas, u l-ispejjeż, fosthom dawk ta’ ittra uffiċjali ta’ l-24 ta’ Frar 1998.

Is-soċjetà konvenuta ressqet dawn l-eċċezzjonijiet:

1. it-talbiet tal-korporazzjoni attriċi waqgħu bi preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili;
2. ma hux minnu illi s-soċjetà konvenuta kienet negliġenti jew uriet nuqqas ta’ ħila fix-xogħlijiet li kienet qiegħda tagħmel;
3. il-korporazzjoni attriċi trid iġġib prova illi l-ħsarat li tgħid li saru tassew saru u li saru mis-soċjetà konvenuta; u
4. il-korporazzjoni attriċi trid ukoll iġġib prova ta’ l-ammont tad-danni li qiegħda tgħid li ġarrbet.

Il-fatti li wasslu għal din il-kawża ġraw hekk:

F’Novembru ta’ l-1995 ċertu Charles Camilleri, li ma huwiex parti f’din il-kawża, kien qiegħed iħaffer biċċa art fi Triq Notabile, l-Imrieħel. Waqt li kien qiegħed iħaffer, Camilleri laqat *11KV cable* proprjetà ta’ l-attriċi u għamlilha l-ħsara. L-attriċi fittxet lil Camilleri għad-danni, iżda, b’sentenza mogħtija fid-19 ta’ Diċembru 2000[1], il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ċaħdet it-talba għax sabet illi l-*cable* kien għaddej minn proprjetà privata u “ġo proprjetà privata m’intix ser tippretendi li ser issib *cables* ta’ l-Enemalta”.

F’Awissu ta’ l-1996 is-soċjetà konvenuta kompliet it-tħaffir fl-istess sit. Kienet taf bil-*cable* li ntlaqat għax kien għadu mikxuf, u kienet taf ukoll illi qrib dak il-*cable* kien għaddej ieħor ta’ tlieta u tletin *kilovolt* (*33KV*)[2]. Billi riedet taħdem fejn kien hemm dawk il-*cables*, is-soċjetà konvenuta, b’ittra tal-15 t’April 1996[3], għarrfet lill-attriċi li kien meħtieġ illi l-*cables* jitressqu biex igħaddu minn post ieħor, u talbet stima ta’ l-ispejjeż biex isir ix-xogħol meħtieġ. Ma nġibitx prova illi din l-istima ngħatat mill-attriċi, iżda l-perit tal-konvenuta kien mgħarraf bil-fomm illi sakemm titqies it-talba biex isiru x-xogħlijiet il-*cable* ta’ ħdax-il *kilovolt* (*11KV*) — dak li kien intlaqat f’Novembru ta’ qabel — kellu jitgħatta biex ma terġax issirlu ħsara.

---

1 **Korporazzjoni Enemalta *versus* Charles Camilleri**, avvi\ nru 81/1998.

2 Ara x-xhieda tal-Perit Tano Zammit fis-seduta tal-31 ta’ Jannar 2002, *fol.* 119.

3 *Fol.* 57.

Fis-26 t’Awissu 1996 is-soċjetà konvenuta bdiet ix-xogħol ta’ tindif tal-materjal u tal-ħaxix ħażin li kien trabba’ biex tkun tista’ tgħatti l-*11KV cable*. Ix-xogħol kien qiegħed isir b’għodod ta’ l-idejn, mhux b’inġenji tqal. Waqt illi l-ħaddiema kienu għaddejjin b’dan ix-xogħol semgħu tisfira ġejja minn qrib il-*cable* u f’daqqa waħda dehret bħal berqa, il-*cable* faqqa’ u tajjar lil wieħed mill-ħaddiema li kien fuq il-post.

Il-korporazzjoni attriċi tgħid illi s-soċjetà konvenuta għandha twieġeb għad-danni għax ħadmet bla għaqal u b’nuqqas ta’ ħila, u għalhekk fetħet din il-kawża tallum.

Is-soċjetà konvenuta qiegħda tikkontesta t-talbiet ta’ l-attriċi u bdiet billi ressqet l-eċċezzjoni ta’ preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili:

**2153.** L-azzjoni għall-ħlas tal-ħsarat mhux ikkaġunati b’reat taqa’ bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’ sentejn.

Il-ħsara saret fis-26 t’Awissu 1996, u l-kawża nfetħet fil-5 ta’ Jannar 1999, aktar minn sentejn wara, u għalhekk imiss lill-attriċi li turi li kisret il-preskrizzjoni. Dan l-attriċi fittxet illi tagħmlu billi esebiet kopja uffiċjali ta’ ittra ġudizzjarja tas-26 ta’ Frar 1998[4], notifikata fit-3 ta’ Marzu 1998[5], sew qabel ma għalqet il-preskrizzjoni.

L-ittra iżda kienet indirizzata li *Elbros Limited*, u n-notifika wkoll saret lil *Elbros Limited*, waqt illi s-soċjetà konvenuta jisimha *Elbros Construction Limited*. Mix-xhieda ħareġ illi ma hemm ebda soċjetà li jisimha *Elbros Limited*.

Is-soċjetà konvenuta tgħid illi l-ittra ma tiswiex biex tikser il-preskrizzjoni, ladarba ntbagħtet lil persuna li ma teżistix[6].

Il-preskrizzjoni estintiva tippenalizza lil dak il-kreditur illi ma jħarisx l-interessi tiegħu, billi *vigilantibus non dormientibus iura subveniunt*. Fil-każ tallum il-korporazzjoni attriċi, billi ippreżentat ittra ġudizzjarja, wriet illi kellha l-ħsieb li tħares l-interessi tagħha. Il-fatt illi l-ittra ntbagħtet b’isem ħażin, fil-fehma tal-qorti, ma jnaqqas xejn minn dan, sakemm ma jkun hemm ebda dubju dwar l-identità tad-destinatarju ta’ l-ittra.

---

[4] *Fol*. 23.

[5] *Fol*. 24.

[6] Ara **Transfreight Limited *versus* Mark Pirotta**, Prim’Awla, 28 ta’ Novembru 2003.

Għalkemm indirizzata lil persuna li ma teżistix bl-isem muri fuqha, l-ittra ma ntbagħtitx lil persuna li ma teżistix, tant illi kienet notifikata, u n-notifika kienet aċċettata għax min irċieva l-ittra ma bagħathiex lura. Il-qorti għalhekk kienet tasal li tgħid illi l-ittra xorta tiswa biex tikser il-preskrizzjoni li kieku nġibitilha prova illi n-notifika saret f'idejn is-soċjetà konvenuta. Dik il-prova, iżda, ma saritx. In-notifika, kif rajna, saret lil *Elbros Limited*, u mix-xhieda ħareġ illi hemm tliet soċjetajiet li għandhom il-kelma *Elbros* bħala parti minn isimhom[7], u ma hemm ebda prova illi dik li rċeviet in-notifika kienet tassew is-soċjetà konvenuta u mhux xi waħda mit-tnejn l-oħra. Ladarba l-liġi trid illi att ġudizzjarju jkun ukoll notifikat biex tinkiser il-preskrizzjoni[8], il-qorti taqbel mas-soċjetà konvenuta illi l-ittra ġudizzjarja tas-26 ta' Frar 1998 ma tiswiex biex tikser il-preskrizzjoni.
Il-qorti għalhekk taqta' l-kawża billi tilqa' l-eċċezzjoni ta' preskrizzjoni taħt l-art. 2153 tal-Kodiċi Ċivili u tiċħad it-talbiet tal-korporazzjoni attriċi, li għandha tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

7 Ara x-xhieda ta' Claire Borg fis-seduta tal-31 ta' Jannar 2002, *fol*. 90.

8 Art. 2130, Kod. ~iv.